# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallo; il ħelu ma'l meħtieġ.*

106. | 10 ta' SETTEMBRU 1910. | IT-TIELET SENA

## FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjaña u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

### It-tiratura ta' da'n-numru tlaħħak 7,000.

# TA'L HALIB.

Sejjer narġa nitchellem fukhom għaliex il qŭestjoni li tkanklet ma tmissx biss il daŭna l-imsejcnin iżda lill poplu collu chemm hu għaliex ma indumux ma naslu li ma insibux katra ħalib li hu tant meħtieġ għal ħajja jeŭ li jcollna nixtruha b'mitklha deheb u b'hecc min hu għanî biss ijcun jista jsostni ruħu u l-uliedu b'il ħalib bħal ma sejjer nurichom ċar u infehimcom għala.

Jiena kiegħed chif jaf cullħadd inħambak u nirsisti chemm niflaħ biex niddefendihom f'il caŭża li kanklitilhom is-Sanità m'hux biss għaliex dana hu id-dmir tiegħi bhala difensur tagħhom iżda ucoll għaliex inħoss li illum ma chienx hemm għal fejn is-Sanità tkankal dina il biċċa li bha sejjra tekred ħafna nies b'il ġuħ, tcattar il kgħad u il falar u b'hecc id-delitti, tcompli tirvina ŭaħda m'il aħjar industrij li chellna u titfa f'il għera ma's-sitt mitt familja bla ma hemm l-ebda bżonn.

Il-ligi li fukha huma imħarrchin ta'l ħalib issa, ħarget f'Marzu ta'l 1904, igifieri SITT SNIN U NOFS ILU u meta forsi chien hemm xi ftit bżonnha billi dic il ħabta chien jaħchem id-deni seŭŭa f'Malta u is-Sanità chienet ġa ŭaħħlet f'moħħha il misħuta feħma li dana il mard hu gejj m'il ħlib ta'l mogħża. Iżda x'ħadet għamlet is-Sanità ? Halket il Ligi għaliex kalet li chien hemm bżonnha u kiegħditha fuk l-ixcaffa għal SITT SNIN U NOFS SHAH li fihom id-deni baka ftit jeŭ ŭisk jiġġerra dejjem, u issa li nistgħu ingħidu li spiċċa għal collox għaliex chemm chemm jinħassu tnejn jeŭ tliet casi f'ix-xahar kanklet minn kalb il għabra fejn chienet minsija u ittrascurata dina il famusa ligi-forca contra il bejjiegħa ta'l ħalib, illum li ma hemmx bżonnha actar ! ! !

Ġaladarba is-Sanità fehmet, tajjeb jeŭ ħażin, li id-deni chien gejj m'il ħalib ta'l mogħoż u fehmet li chien hemm bżonn tinħalak dic il-Ligi biex iżżomm l-indafa fejn jokogħdu il mogħoż ħalli, chif fehmu huma, id-deni ma jibkax joctor u jixxerred għala malli chellhom il-Ligi f'idejhom tefgħuha fuk l-ixcaffa, ma żammeŭx id-deni biha chif fehmu li sejjrin jagħmlu huma, u biss issa, ŭara SITT SNIN U NOFS trascuraġni kankluha meta ma hemm l-ebda bżonn tagħha actar? Dic il-Ligi jeŭ chien hemm bżonnha biex jekirdu id-deni jeŭ le: Jecc chien hemm bżonnha tasseŭ chien ijmisshom allura kankluha f'ŭaktha, jecc raŭ li chellhom ijħalluha fuk l-ixcaffa bħal ma għamlu għaliex ma chienx hemm bżonnha ma chien ijmisshom kankluha issa xejn ġa la darba id-deni rakad u nistgħu ingħidu li intefa għal collox allavolja dina il famusa ligi chienet riekda tonħor kalb il għabra u it-trascuraġni ta'l Ufficċju Sanitarju.

Illum kanklu dina ir-reŭŭixta bla bżonn u sejjrin bla bżonn jagħmlu ħsara cbira m'hux biss il daŭna l-imsejcnin iżda lill pajjis collu u l-is-saħħa ta' cullħadd. Isimgħu għala.

Is-Sanità trid li biex jistgħu jżommu il mogħoż f'post ijridu jiċċangaŭh b'iż-żonkor jeŭ ijbattmuh seŭŭa b'is-sement, jagħmlu id-drenaġġ għat-triek u jiċċangaŭ ucoll il bitħa li jcun hemm ma genb il makjel l-istess bħal dana; il ħitan sa tmien piedi għoli jridu jcunu mcaħħlin tajjeb u mgħoddija b'il *petrifyring.* Il cumplament imbajjad tliet darbiet f'is-sena, m'il ankas u l-injam miżbugħ dejjem nadif. Ijridu f'il makjel jiftħu tŭieki cbar u ħafna ventilaturi m'as-sakaf u fl-art biex tgħaddi dejjem l-arja. Ijridu ucoll ijdaħħlu il vit biex ijcollhom ilma tajjeb mnejn jisku il mogħoż u ħafna ħŭejjeġ sbiħ oħra meta taħsibhom jeŭ tictibhom fuk il carta iżda li huma morri ħaf-

na meta tigi biex tagħmilhom. Nibdeū minn haūn. Min ir-razzett tiegħu hu ġo'r-raba jeū bogħod m'it-triek ıejn hu għaddejj id-drenaġġ jeū minn fejn hu għaddejj l-ilma ta'l Gvern xi triduhom jagħmlu il ta'l ħalib, forsi li jgħakkdu id-drenaġġ u l-ilma huma spejjes tagħhom u b'hecc jonfku il mijiet jecc m'hux l-eluf ta'l-liri? Jeū triduhom biex ma jcollhomx għal dan spejjes cbar ijgibu jokogħdu lil mogħoż fi Strada Rjali? Mela is-Sanità trid ūaħda minn daūna it-tnejn: Jeū li ta'l ħalib jagħmlu l-ispiża ta'd-drenaġġ u ta'l canni ta'l ilma jeū l-ispiża ta'l chera għali fost l-abitat. U rat xejn kabel is-Sanità jecc dana jistax ijcun? jecc dana jistgħux jagħmluh?

Chif jista jcun katt li daūna l-imsejcna nies ta'l ħalib, li il cotra tagħhom huma fkar, li jonfku daūna il flejjes collha m'il kliegħ ta' ftit ħalib li jbigħu u li b'il kliegħ tiegħu jridu jgħajjxu ċorma tfal u spiss issa tmutilhom mogħża li tkum xi erba liri, issa terfgħilhom m'il ħalib bħal ma jiġri għal ħafna xhur ma tul is-sena, issa tieħodhielhom is-Sanità u toktolhielhom biex tagħha tatihom ftit xelini u x'naf jien? B'dana tafu x'sejjra tagħmel is-Sanità? Jeū toħlok il monopolju ta' nofs tużżana minnhom li jifilħu jagħmlu l-ispejjes u jagħmluhom iżda li ūara daūc l-ispejjes ijħallashom kares il poplu għaliex tcun tibda trid tħallas ix-xelini biex tixtri tazza ħalib bla ma jcollu tort min ijbiegħha jeū ħadd ma jintriga minnhom li jagħmel daūc l-ispejjes collha, jbiegħ il mogħoż għal Barra u aħna nibkgħu incejiku bla ħalib li hu tant meħtieġ għ'as-saħħa, u b'hecc is-Sanità għal ħafna fehmiet imkarrka li għandha f'rasha tcun għal dac il gid li ħolmot bih hi għamlitilna ħsara bla tarı f'saħħitna billi tcun kerditilna il ħalib frisc min Malta.

Nisthajjel tgħiduli: «ma hemmx il ħalib ta'l bott? nużaū lilu.» Bosta jaħsbu hecc u fosthom jaħseb hecc sgur il *Chronicle* li kiegħed ijxappap ħafna liri f'is-sena b'ir-reclami li jagħmel għal dana il misħut ħalib ta'l bottijiet. Iżda jecc takraū x'ijgħidu l-aħjar tobba ta'd-dinja okogħdu sgur li katt ma iddaħħlu katra ūaħda minnu biss fl-istoncu tagħcom u ta' uliedcom. L-eūūel nett dac hu ħalib ta'l bakra u m'hux ta'l mogħża jeū ta'n-nagħġa u cullħadd jaf li il bakra spiss timrad b'it-TISI u li dina m'il ħalib tagħha tgħaddi għal bniedem bħal ma ippruvaū l-aħjar professuri. Il għorrief jitħmu li fl-Ingħilterra il għaxra f'il mija jmutu b'sidirhom għaliex ma jixorbux ħlief ħalib ta'l bakra u jitniġġsu minnha. Issa nistaksi jien: m'hux aħjar f'il cas timbocca deni li bi ftit cura tfik minnu milli timbocca tisi li actarx ma tfiek minnha katt u li tintired f'uliedec u tniġġsilhom isimhom biha? Jecc tmut b'id-deni ħadd ma jibża jiżżeūūeġ il bintec iżda jecc tmut b'sidrec iva. Ma dana inżidu li bosta drabi dana il ħalib ijcun ilu f'il-landa is-snin il cbar u b'hecc ijcun iftermenta u m'hux talli ma jcunx fih sustanza iżda jcun miżgħud bl-elut ta'l eluf ta' microbi li collha iddaħħalhom f'imsarnec jeū f'imsaren uliedec biex tagħmel stragi ūisk drabi kalila. Jiena naħseb u bħali jaħsbu ħafna tobba għorrief li il biċċa il cbira ta'l mard ta'l imsaren (enterite) li kiegħed f'Malta jagħmel biċċerija sħiħa kalb ħafna trabi innocenti ma hux gejj minn band'oħra ħlief m'il ħalib ta'l bottijiet li jatuhom f'il flixcun. Frattant f'il ħin li is-Sanità għarfa li għandna kiegħda tisħak u tkell contra ta'l ħalib biex tekred id-deni li nistgħu ingħidu li ma għadux jeżisti fostna; ma tridx tkell contra il ħalib ta'l bottijiet li kiegħed jagħmel stragi bl-enterite, forsi għaliex il ħalib ta'l mogħża jbigħuh erba ċaccara ta'r-raħal li ma jistgħux jonfku l-eluf ta'l-liri biex jagħmlu u jħallsu ir-*reclami*, f'il ħin li il ħalib ta'l bottijiet jippreparaūh Djar colossali li għandhom il miljuni ta'l-liri u li jecc is-Sanità tarfa leħinha contra tagħhom jafu jonfku l-eluf biex jiccumbattu dac li tgħid hi u jafu jsibu ħafna torok li ma jafux jeū ma jistgħux ijsibuhom, għax fkar u bla cola, il bejjiegħa ta'l ħalib. Tafu xejn intom li minn Malta kiegħdin ġa joħorġu m'as-SEBGĦIN ELF LIRA STERLINA CULL SENA BIEX JIDĦLU ĦALIB TA'L BOTTIJIET? Xi trid is-Sanità li meta jinkered il ħalib ta'l mogħża joħorġu minn Malta flus id-doppju talli ħiergin biex jidħlu id-doppju bottijiet ta'l ħalib u biex jinkerdu id-doppju tfal bl-enterite? Mela jecc ta'l ħalib jiġu iccundannati biex jagħmlu daūc l-ispejjes collha li tridhom jagħmlu is-Sanità u daūna ma jcunux jifilħu jagħmluhom ma indumux ma naslu li jcollna b'il fors nużaū il ħalib ta'l bottijiet b'pericoli acbar għal saħħitna u għal saħħet uliedna, b'rovina ta' industrija Maltija biex inpaxxu l-industriji ta' Barra u billi ma'l ħafna għacs u delitti li haūn incattru ħafna nies kiegħda tiġġerra iddisprata ma't-torok. U dana jcun dannu cbir GĦAL CULĦADD u m'hux għal ta'l ħalib biss.

Forsi xi ħadd ijgħidli: «La hemm il-ligi xi tridha tagħmel is-Sanità ħlief takdi dmirha, trid mela il mogħoż f'il ħmieġ biex ijniġġsu il ħalib u jmarrduna?» Le, irrid biss li il-Ligijiet jiġu esegūiti META HEMM BŻONN U BI FTIT ĦNIENA GĦAL GID TA'L PAJJIS. L-Ispetturi ta's-Sanità huma ġejjin u sejjrin biex jaraū ta'l ħalib chif kiegħdin ijżommu il mogħoż jeū le, malli jaraū mogħża ftit imgħaxxa jieħduhielhom għal l-eżami, jecc ijsibu f'id-demm dic ir-*reazjoni-ħmerija* arahom joktlulhom il mogħża jeū ma jħalluhomx ijbigħu minnha. Dana uriena li hu b'iż-żejjed għaliex jecc id-deni chien ġejj m'il mogħża illum intefa għal collox. Biex ma dan jagħfsu ftit actar għal l-indafa lankas jimporta. Iżda biex jagħmlulhom f'għonkhom dic l-ingassa ta'l forca b'dic il-ligi jidhirli li ma hemmx bżonnu u li MA HUX ŪAKTU għaliex da'l mument deni ma haūnx u li bħal ma ħalleū riekda dic il-ligi għal ħafna snin meta chien haūn jahchem id-deni setgħu ma kankluhiex issa li deni ma haūnx tista tgħid xejn.

Meta dina il-ligi chienet giet fil Cunsill il mibchi Avucat Mizzi li chien għadu ħajj u is-Sur Cicc Azzopardi, li dac iż-żmien MA CHIENX FL-ESECUTTIV, nafru contra tagħha għaliex kalu li jecc dic il-ligi tesegūixxi ruħha chif inhi l-ebda sengħa, l-ebda industrija ma chienu jistgħu jgħaddu il kuddiem; u żiedu ucoll li huma ma jibżgħux m'il Ligi iżda m'il impjegati ta'l Gvern chif jesegūuha biex ma issirx fidejhom arma ta' vendetta u ta' moħkrija contra il poplu. U il Gvern chien ūiegħed li għandu juża il-Ligi b'il ħniena u il PRUDENZA collha. Issa billi għaddeū ħafna snin ħasbu li insejna x'kalu u għalhecc ureū snienhom m'il ġdid.

Hemm bżonn mela li il Cunsilieri jfaccru il Gvern f'dac li ūiegħed ijsir u li juruh il ħsara cbira li taka fuk il pajjis u f'saħħitna jecc ijcollna b'il fors nixorbu il ħalib ta'l bottijiet biex infakkru il niesna u inħaxenu but il barrani u hemm bżonn li ma daūna in-nies ta'l ħalib jużaū ftit ħniena fl-applicazjoni ta'l ligi ġa la darba ūara SITT SNIN U NOFS fettlilhom ijkankluha issa meta ma hemmx bżonnha għaliex deni ma haūnx.

U hemm bżonn li dina il biċċa jifhimha il poplu collu, u li jictbu fukha il gazzetti collha, għaliex jecc tgħaddi il kuddiem tcun ĦSARA CBIRA GĦAL CULLĦADD.

# FRAC.

Nhar il Hamis ta'l gimgħa l-oħra f'il għaxija iltakgħu cotra cbira ta' bejjiegħa ta'l ħalib m'ir-rħula collha, f'għalka f'Tal Pietà u stiednu li's-Sur Agostin Levanzin P.L., biex jitchellem magħhom. Dana mar u gibed taħdita magħhom tūila u interessanti tasseū fejn beda biex fehimhom li għandhom ijcheċċu minn ġo rashom eull ħsieb ta' *strike* u ta distorbju li chien daħħlilhom xi avucat rasu sħuna, u li daūna l-ideijiet ijħalluhom għa'n-nies ta' pajjisi oħra u m'hux għal l-erba dub-

# Il-Ligijiet Tagħna.

L-ARMI U L-IMŬIES.

Il-ligi li tŭiddeb chif tista tbiegħ u iżżomm l-armi fukec u l-imŭies hi l-Ordinanza Erbgħa t'as-sena 1910 li ħarget f'il «Gazzetta t'al Gvern» ta'd-29 t'April 1910.

Ħadd ma jista jinnegozja fl-armi li huma magħmula biex jistgħu joktlu jeŭ ijfieru bniedem, minngħajr sensja ta'l Pulizia, u lankas ma tista iżżommhom għal bejgħ għad li ma tcunx biegħthom jeŭ tkiegħidhom fejn jidhru għal bejgħ bħallichiecu f'xi vetrina. Dina is-sensja tgħodd għal sena biss u m'il eŭŭel ta' Jannar ta' dic is-sena li tcun ħarget fiha. Per esempju jecc inti takla dina is-senja f'Marzu jeŭ f'Aŭŭissu ma tibkax tgħodd sa Marzu jeŭ sa Aŭŭissu li jigi sena ŭara iżda sa l-aħħarta'Dicembru ta' dic is-sena biss; u dana sar biex is-sensji jagħilku collha f'ġurnata ŭaħda u b'hecc il Pulizija ma tcunx trid tokgħod iż-żomm l-amment b'ħafna xogħol u ħsieb għal cull ŭieħed meta tagħlaklu is-sensja. Dana jinsab fl-articolu tlieta. Dac li hemm fl-eŭŭel żeŭġ articoli biċċa daħħaltulcom ma't-tifsir ta't 3 u biċċa ma hux ta' ħtieġa għalicom li tcunu tafuh.

L-articolu 4 ijgħid li l-ebda cummerċjant ta'l armi ma jista jiccunsinna armi ta'n-nar lill ħadd minngħajr ma javża lill uffiċċjal ta'l Pulizija fl-istazjon l-actar kriba. Mela meta ŭieħed ijmur jixtri xcubetta għal caċċa jeŭ revolver min ijbiegħulu jrid javża lil l-Ispettur jeŭ l'is-sotta li jcunhemm fl-istazjon l-actar krib lejh; u dana l-avvis ijrid ijcun fih l-isem, il cunjom, l-isem ta'l missier, is-sengħa jeŭ x'jagħmel min sejjer jixtriha u fejn jokgħod, il qŭalità ta'l arma, igifieri jecc hix xcubetta, *centre*, revolver, pistola u in-numru li dina l-arma jcollha fukha, u taħt dana l-avvis ijrid jiffirma ismu il cummerċjant u jagħmel ucoll il ġurnata ta' meta sar il bejgħ.

Dina, għad li hi biċċa siccatura cbira għal min ijbiegħ, hi ħaġa tajjba ħafna għaliex b'hecc il Pulizja m'hux biss tcun taf min għandu l-armi f'daru iżda jecc ijsir xi delitt u jsibu l-arma biss minnufih ijcunu jafu minn numru tagħha ta' min hi u fejn jokgħod.

Fl-articolu 5 insibu dana li l-ebda cummerċjant t'al armi ma jista jbigħ jeŭ jiccunsinna armi jeŭ schiechen b'il ponta lil żgħazagħ li ma jcunux għalku tmintax il sena, minngħajr sensja ta'l Pulizija; u dina hi ħaġa tajjba ħafna għaliex chienet saret għarucaża li ma intix ħlief tara gejjin u sejjrin il Korti ħafna ġuvnotti għaliex xejjru jeŭ fereŭ b'is-sicchina. Il Pulizija lill daŭna il cummerċjanti tatihom ucoll lista bl-ismijiet ta' daŭc collha li geŭ iccundannati xi darba għas-serk, għal ħajja ta' għass jeŭ vagabundaġġ, għal logħob, talli xi darba kabdu l-armi contra xi ħadd, jeŭ li fereŭ il xi ħadd b'arma, b'xi strument li jakta jeŭ li ijtakkab, jeŭ b'xi ħaġa li tixgħel jeŭ tispara jeŭ tgħerri bħal ma huma l-acidi kaŭŭija, minngħajr is-sensja ta'l Pulizija.

Mela bla sensja ta'l Pulizija daŭna il carfa ta' nies ma jistgħux jixtru armi jeŭ schiechen b'il ponta minn imchien u il Pulizija ma hix sejjra tatihom dina is-sensja addoċċ u milli nista naħseb jien ma tatihielhom katt u b'dana il mod daŭna il ħafna briccuni jsibu ruħhom bla armi f'idejhom u b'hecc jonksu id-delitti; u billi ħadd ma jieħu pjacir li jicxef għaŭaru li hu ħalliel jeŭ ta' condotta ħazina ħadd ma hu sejjer jicxef għommtu ma'l cummerċjant ta'l armi u lankas dana ma hu sejjer jokgħod jiġri bih għand il Pulizija biex ijgiblu is-sensja li semmejna meta jaf li dana it-taħbit collu actarx ijmur mitluf.

B'dana l-articolu sar dana il gid li cull min hu ta' condotta tajjba jista jixtri l-armi li jrid biex ijcun jista jiddefendi ruħu m'il briccun għaliex il Pulizija ma tistax timpedih li jixtri bas-ta tcun vżata m'il cummerċjant, u il briccun ma jcunx jista jitgħabba bl-armi contra il galantom.

Ftacru li il cummerċjant ta'l armi m'hux biss ma jistax ijbiegħ iżda lankas ma jista jiccunsinna B'XEJN l-armi imsemmija f'dina l-Ordinanza għaliex chiecu chien hecc chien jista jigi ħafna tgħallit għal-ligi u chien ijfixchel ħafna il Pulizija u f'cas ta' irvell il cummerċjant chien ijcun jista jati b'xejn ħafna armi f'dakka biex jaħbtu għal Gvern jeŭ għal xi delitti oħra. Għalhecc dina l'Ordinanza għalket il bieb għal collox u għal cullħadd chif għad naraŭ aħjar fl-articoli li gejjin. *(Jissoctaŭ.)*

# Għomja Famusi.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

**Prof: Abreu**

Spanjol, chien Professur ta'l Musica fl-Istitut Nazzjonali ta'l Għomja ta' Madrid. Dana daħħal sistema ġdid biex jitgħallmu il musica. F'Barcellona hemm ucoll Scola ta'l għomi oħra li ilha imŭakkfa m'il 1820. Dina fiha sa banda t'al għomi.

**Bin l-Imperatur**

ta'l Ġappun chien tant ijħobb il martu li meta mietitlu dam jibchiha sa għema, u għalhecc ħalak Xirka biex tgħin il għomja. General famus Ġappunis ucoll kala għajnejh barra biex ma jfettillux li joktol il Princep li għad li żammu irsir gieb ruħu miegħu bi ħniena cbira. Dana ucoll ħalak soċjetà oħra li minnha johorġu ħafna għomi li jafu il musica u li jakilgħu x'jieclu billi jdokku f'it-teatri, f'it-tiegijiet u f'xi xalar ieħor. Hemm ħafna għomja ġappuniżi li jgħixu m'ix-*Shampooing* billi f'dac il pajjis jużaŭh ŭisk. Fi Kioto hemm scola tajjba ħafna u li bagħtet ħafna ħŭejjeġ curjusi fl-Esposizzjoni ta' Londra ta'l 1884.

**Camille Lemaire**

hu ŭieħed m'ill Architetti l-actar famusi li katt chellha Franza.

**Rigganbach**

hu Professur ta't-Teologija fl-Università ta' Basilea, fl-Isvizzera.

**Dr: Ranger**

hu ŭieħed m'il aħjar Procuraturi Legali li hemm f'Londra u għandu clientela cbira ŭisk. Dana tgħallem f'il Culleġġ ta'l għomja ta' Worcester mnejn ħarġu ucoll ħafna kassisin protestanti għorrief u mnejn ħareġ ucoll l-organista famus Wolstenholme li semmejna kabel. F'dana il Culleġġ il għomja jitgħallmu i-istess ħŭejjeġ u jilagħbu l-istess logħob li jilagħbu u jitgħallmu it-tfal li jaraŭ. Mal ħamsin f'il mija jieħdu il-laŭrja fl-Università u ma'l ħamsa u għoxrin f'il mija jgħaddu bl-unuri. Jitgħallmu ucoll jilagħbu il cricket u il football li jorbtulu kampiena żgħira biex ijcunu jafu fejn mar.

**ir-Rev: H. J. R. Marston**

ħareġ ucoll minn dana il Culleġġ u hu bravu ŭisk fl-istudju ta'l aŭturi classici. Dana hu il Cappillan ta'l Belgrave Chapel ta' Londra u għal xi żmien chien «*Extension Lecturer*» ta'l Università.

**Il Dr: Campbell**

li semmejna kabel chien tala fuk il kuċċata ta'l Monte Bianco li hi l-ogħla muntanja ta'l Europa collha; u ir-Right Hon: Henry Fawcett, M.P., li chien sar, għad li għama, Post Master-General, tala fuk iċ-Cima di Jazzi, ħdejn Zermatt li tlaħħak il għoli ta' actar minn tnax il elf pied! *(Jissocta.)*

# TLAKKIT MALTI.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

SAN CALCIDONJU infetah f'is-16 ta' Marzu 1751, u chien bnih Don Pietru Infante ta'l Portugall b'it-thabric ta'l Patri Rossignoli. Jissejjah hecc għaliex il Papa Benedettu Erbatax chien baghtilhom il gisem ta' dana il kaddis biex ijkiegħduh hemm u li ittiehed minn San Paŭl ta'l Belt bi processjoni famusa f'il 20 ta' Mejju 1753, u li fiha iccumpanjaŭ il fratellanzi u in-nobbli ta' Malta collha.

F'IL POST fejn hemm l-arcata ta' Barbara u li dari chienu jsejjhulu *Ġorf Id-dell* chien hemm għar li fih chien ijgħammar eremita. Krib dana chien il post fejn il Cavalieri chienu jagħmlu il porvli, mibni fl-1762 minn Pinto.

IŻ-ŻEŬĠ PJAZEZ ta'l Furjana ta' ma' genb il Mall fl-antic chienu miżrugħin collha siġar ta't-tut biex ijcollhom mnejn jitimgħu id-dud-ta'l-harir li chienu jrabbuh hafna f'Malta. Il fabbrica ta'l harir chienet tati għal fuk Santu Roccu.

IL MALL jismu hecc għaliex sar biex fih il Cavalieri jilagħbu il «*palla maglio.*» Fl-iscrizzjoni insibu daŭna iż-żeŭġ versi sbih hafna:—

*Ludite ; vos alacres facit hic ad praelia ludus ;*
*Enervant vires : alea, vina, venus.*

Igifieri li dac il-logħob chien ijkaŭŭihom għal gŭerra biss il-logħob ta'l flus u il vizzji ta'x-xorb u iż-żina jifilġuhom. Il Mall sar fi żmien Lascaris.

TAHT IL CAPUĊĊINI T'AL FURJANA jgħidulu **Xatt il Kŭabar**, igifieri xatt il *granci*, għaliex billi hemm chien mimli gebel kabel naddfu Zondadari chien jagħmel granci ŭisk. Chienu jsejjhulu ucoll il *Marsa iż-żgħira.*

MINN TAHT IL CAPUĊĊINI sa taht Cordin ir-Rumani chienu bneŭ mol sabih ŭisk u li hafna m'il gebel cbir tiegħu chien għadu jidher sa mitt sena ilu.

FL-**1647** FL-ISLA chien hemm disa mija u erbgħa u disgħin dar, b'erba t'elef u hamsin ruh. Fl-1772 lahhket hames t'elef, hames mija u erbgħin fosthom disgħa u hamsin sacerdot.

F'DAŬC ID-DJAR fejn il bieb ta't-Tarznar ta'x-Xatt ta'l Isla dari chienu jokogħdu il Captani ta'x-Xŭieni ta'l Ordni.

FL-**1647** Bormla chien fiha sitt mija u tnejn u erbgħin dar b'elfejn, seba mija u tmienja u sebgħin ruh. Fl-1772 lahhku elf, hames mija u erbgħa u tmienin dar b'7,112 ruh, b'ŭiehed u sebgħin sacerdot.

IL GHOLJA TA' STA: MARGARITA ta' Bormla dari chienet tissejjah *ta'l Mandra* u is-sŭar ta' fukha geŭ mibnija m'il Inginier Firenzuola. Dana chien Dumnican u ŭara sar Cardinal, u chien ucoll l-inginier ta'l Papa. L-eŭŭel haġra tkiegħdet f'it-30 ta' Dicembru ta'l 1638. Il Gran Priur kaddes fuk il għolja u il G. M. Lascaris chien hemm ucoll.

L-EŬŬEL HAĠRA TA'L COTTONERA tkiegħdet f'it-28 ta' Aŭŭissu 1670, bi processjoni famusa li fiha hadu sa driegh S. Gŭann. Sparaŭ il tortizzi collha u hadu sehem il Cunventi u il fratellanzi collha.

IL CUNVENT TA'T-TERESJANI ta' Bormla imbena fl-1622 fi żmien De Paŭla u għalih hareġ hafna flus l-Iskof Cagliares. (*Jissocta.*)

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

La tokgħodx tibża li tisŭied għaliex dana gid cbir jagħmel f'il gilda li għandha bżonn cull tant li tara ix-xemx ucoll biex tgħix ahjar, u meta timxu f'it-torok la tużaŭx umbrelel jeŭ umbrellini għaliex dic il ftit xemx gid cbir tista tagħmlilcom. Billi jcollcom ŭiċċcom abjad donnu ċarruta ma hu l-ebda preġju u lankas hu moda; il moda Barra illum hi li ix-xebbiet anzi jcollhom ŭiċċhom b'il ŭardiet u il ġlata ta'x-xemx għaliex dana juri li ma humiex minn daŭc l-injoranti li jibżgħu minnha, iżda minn daŭc li imxeŭ il kuddiem ma'ż-żmienijiet u li jatu actar cas cbir ta' sahhithom milli ta'l fraha ta' ġmielhom jecc gilda stajjra sfajjra donnha ta' cadavru tista isseijhilha ġmiel f'ŭiċċ ta' xbejba. Ix-xemx issejjah id-demm f'il gilda u għalhecc dina tissakka ahjar u tibka hamra u f'ŭiċċ ta' mara il culur (meta ma hux żebgħa) hu uisk isbah m'il bjuda ta'l gilda. Jecc imbagħad tridu issalvaŭ il ŭahda u l-ohra abjad ta' bajda jmur f'in-nofs; ŭara li tiġu minn mixja f'ix-xemx u taraŭ il ġlata tagħha f'ŭiċċcom ahsluh tajjeb bl-abjad ta' bajda u taraŭ chif ijmur collox iżda is-sahha li tcun hadet il gilda tibka hemm għal gid tagħcom. Miss Gent il ŭardiet ta'x-xemx issejjhilhom «*sun kisses*» u għandha raġun.

Mela f'loc li tibżgħu m'ix-xemx fittxuha, f'il cmamar tagħcom, fuk ŭiċċcom u fuk gisimcom collu għaliex tcunu kiegħdin tfittxu ŭahda m'il egħżeż hbieb li jista katt ijcollcom. Hobbu ucoll l-arja, l-arja imsahhna m'ix-xemx għaliex imsoffija m'il microbi, l-arja ta's-siġar għaliex fuk daharha ma iġġibx ma'l fŭieha li tgħaxxak ta'ż-żahar hlief tesori ta' ossigenu milli jcheċċu is-siġar, arja ta'l bahar għaliex imhaddma u dejjem ġdida, fi ftit cliem ibnu il palazz ta' sahhitcom fuk il pedament ta'l INDA FA, TA'L HASIL, TA'L ARJA SAFJA, TA'X-XEMX U TA'L GINNASTICA BIEX TGHIXU HIENJA U HAJJA TŬILA.

Natu issa dakka ta' għajn fuk l-ICHEL halli narau ftit ŭiehed chif u x'għandu jiecol biex jibża għal sahhtu. Dina il haġa hi ta' min jistudjaha seŭŭa għaliex hi haġa li nagħmluha spiss ma' tul il ġurnata u għalhecc jecc incunu kiegħdin nagħmlu hażin, dana jcun jiġri ta' sicŭit u għalhecc actar fis ijgħarrkilna sahhitna. Nibdeŭ biex ingħidu li haŭn min jiecol u jnakkar tista tgħid il ġurnata collha—dan hażin ŭisk. Żeŭġ icliet cull jum huma b'iż-żejjed u jecc tistgħu tgħaddu b'icla ŭahda —ta' nofs inhar biss— tcattru sahhitcom u m'hux tnakksuha. F'il għaxija actar ma torkdu bl-istoncu hafif actar ahjar, għaliex torkdu f'il fond u actarx bla holm u għalhecc in-nervi jistriehu ahjar, u meta l-agħda jcollcom nervi mistrieha jfisser li il macna ta' gisimcom tcun tista takdi xogħolha ahjar. Intom tafu chif meta f'il għaxija tgħabbu l-istoncu f'il għodu tistembhu b'rascom tkila donnha kartalla u chif ijcollcom bhal tokla fiha u bhal telka f'gisimcom collu li ma jcollcomx l-ebda kalb u l-ebda hajjra li tmiddu għonkcom għax-xogħol. Tafu għala? għaliex ma tul il-lejl lill-istoncu tcunu tajtuh hafna x'jahdem u dana biex jahdem ijrid juża in-nervi u għalhecc in-nervi ma tul il-lejl billi kagħdu jagħmlu is-sahra ma striehux u allura chif triduhom f'il għodu jisbhu fuk tagħhom biex jagħmlu xogħol iehor? Mela jecc triduhom jakducom seŭŭa ma'l ġurnata serrhuhom ma tul il-lejl billi ma tgħabbux l-istoncu hafna u bla bżonn għaliex l-ichel ta' nofs inhar hu b'iż-żejjed.

(*Jissocta.*)

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# IS-SAHHAR FALZUN.

( *Jissocta minn numru ta' kabel* )

«Iżda miftuħa fukha chien hemm għajn li tħobbha ħafna u li għalhecc ma chienet terħiha katt, lankas ħakt ùieħed biss: Ħasan chien intebaħ li Colina cull tant chienet tmur titùarrab taħt il cannizzata ta' kiegħ il ġnien u l-imħabba giegħlitu jmur jitchixxef x'chienet tmur taghmel u l-actar billi krib dina il cannizzata chien hemm bieb ta'l ħadid li chien jati għal skajjak imùarrab mnejn chienu jgħaddu in-nies li jaħdmu il ġnejna. Min jaf il għejra x'ùebblitlu f'moħħu? U x'inhu li ma tafx tùebbel il misħuta għejra f'moħħ sħajjen ta' żagħżugħ mitluf ùara xbejba li is-saħħrec!

«Tista taħseb, Ħamid, chif baka miblugħ missierec meta, x'ħin resak chissinchiss minn ùara id-dielja lejha bla ma ħalliha taraħ, f'loc li sabha titchellem ma' Paùlu jeù ma' xi ħaddieħor m'il bieb ta'l iskak, sabha mitlufa tolfok chemm tiflaħ u meta f'it-tħeùdin ibleħ tagħha samagħha chemm il darba bi ħrara cbira ittenni ismu. Xtak li jidħol ħdejha, li jinxteħet għa'r-rcopptejh f'riġlejha, li jfehimha li hu ucoll chien kiegħed ijkatta l-iljieli sħaħ jitbecca f'camartu għaliha, li hu ucoll chien ijtenni cull jum bi ħleùùa cbira elf darba isimha. Iżda baża li jaktagħha, li ma jogħġobhiex li tintebaħ li chien kiegħed ijkisilha għamilha jeù li jersak fukha f'ùakt u f'loc li jecc chien jintebaħ xi ħadd m'il kaddejja jeù is-Sinjura Enzjona chienu jistgħu jdaħħlu xi fellus icreħ f'rashom. U għalhecc billi il bichi tagħha kankal il tiegħu u ħass li sejjer hu ucoll jinfexx jolfok bħalha u jinchixef tùarrab b'il għaġla fuk il ponot ta' sakajh u mar issaccar f'camartu fejn inxteħet ùiċċu l-isfel fuk is-sodda jolfok chemm jiflaħ u jxarrab bi dmugħ l-actar sfieki dic id-domna għażiża li għandec f'għonkoc.

«Paùlu ucoll chien intebaħ li Colina cull tant chienet titùarrab u tmur bi ctieb f'idha taħt il cannizzata; iżda billi meta staksa l'is-Sinjura Enzjona kaltlu li chienet tħobb tmur titùarrab għal ħemda biex takra xi ġrajja sabiħa, ma intebaħ b'xejn u lankas ma intebaħ biss b'il ħmura ta' għajnejha billi dejjem chienet tgħidilhom li dac li chienet takra chienet tħossu ùisk u li bosta drabi chien jisiltilha sa'd-dmugħ m'is-sbiħ għajnejha.

«Għaddielu minn moħħu chemm il darba li jiżlok cutu cutu lejn il cannizzata biex hemm, bogħod minn għajnejn u ùidnejn ommha, jcun jista jfiehem lil Colina chemm chienet cbira l'imħabba li chellu lejha, iżda billi chien jaf li Enzjona chienet fitta u scruplusa ùisk u billi dina ma chienetx ħaġa xierka li jagħmluha ix-xebbiet ta'l galbu li jitùarrbu jitchellmu ma min ijħobbhom bogħod minn taħt għajnejn ommhom, ma issograx biex ma jmurx ijdarras l'is-Sinjura Enzjona lejh li chienet tħobbu tant.

«L-istess xeùka li jmur ijsib lil Colina taħt id-dielja u jferragħ kalbu magħha biex ijfehimha chif chienet kiegħda titbiċċer bl-aħrax għal l-imħabba tagħha, għaddiet elf darba minn ġo moħħ Ħasan u tatu il ħiiel ta' xi minuti ferħana; iżda jecc Paùlu ma sabx il ħila li jagħmlu għad li hemm geùù chien magħdud kejsu ħuha chif sata katt ijsib il ħila li jagħmlu hu? U jecc chienet tintebaħ is-Sinjura Enzjona ma chienetx tleùùtu il barra katta bla ħabel u b'hecc jitlef il kaleb u il ġobna u lil Colina jgibha f'saram l-actar cbir? U għalhecc sarr ix-xeùka tiegħu ġo kalbu ma'x-xeùkat ħorox l-oħra u kagħad jixtarrhom imgħargħar f'nichet l-actar cbir.

* * *

«Chif fehimtec kabel, Ħamid, is-Sinjura Enzjona chienet mara ta'l cnejjes u għalhecc ma chienetx tħalli jgħaddi jum li ma chienetx tmur tisma il kuddiesa f'Ta Xeùxa ma' Colina għall bżonnijiet ta' żeùgha.

«Għodùa ùaħda, x'ħin kajjmet lil Colina biex tmur magħha il cnisja dina kaltilha li ma felħetx tkum għaliex ma chienetx tħossha fiha seùùa billi għaddiet lejl ma rakdet xejn u għalhecc talbitha biex tmur għal dic inhar il kuddies ùieħidha biex hi tistriħ ftit ieħor kabel ma tkum. Enzjona ma ratha xejn bi cbira, kaltilha iva, kalet lil Ħasan biex jibka f'id-dar biex ma tħallix ħsiebha ùarajha li Colina bakgħet ma'l kaddejja biss, u, għal daċ in-nhar, marret semgħet il kuddiesa f'il cnisja l-actar krib biex ma tbiegħidx, billi ma chellha il ħadd magħha.

«Paùlu lemaħha sejjra ùieħidha il kuddies u għalhecc leħħ minnufih ħsieb li chien ilu żmien tùil jimbixlu moħħu. Ma ħallihiex taraħ, għamel ta' b'ir-ruħu li lankas intebaħ biha hu, u ħaffef lejn id-dar ta' Colina biex jara jistax ijchellimha ftit ras imb'ras fuk l-imħabba tiegħu bla ma sata katt ijgħaddilu minn moħħu li chien hemm xi ħadd ieħor li laħak kablu biex ijferragħ l-imħabba cbira tiegħu f'ħoġor il ħelùa Colina.

* * *

«Colina malli semgħet il bieb ta' barra jintebak kabżet bil-ġri m'is-sodda fejn chienet kattgħet lejl ta'l infern tħeùden b'Ħasan. Libset malajr bħal ħalliel u xirfet f'it-tieka chemm chemm imbexxka biex tara jecc Ħasan marx m'ommha il kuddies. Le...., Ħasan ma chienx magħha u għalhecc fehmet li ħallietu id-dar biex ijħarisha.

«Chien għadu ma sebaħx seùùa u l-actar billi chien jum imgħammam ta'x-xitùa u għalhecc il kaddejja chienu jeù għadhom riekdin jeù ma ħargux minn camrithom. Meta ħasset dic il ħemda collha, meta fehmet li chienet għal l-eùùel darba ma Ħasan f'id-dar ùieħidha bla ix-xchiel issiccat t'ommha meta ùara li issemmgħet f'ras it-taraġ intebħet li ħadd m'il kaddejja ma chien għadha fuk riġlejha, rasha saħnet u kalbha bdiet tferfer bħal ta' ħamiema makbuda, u billi minn missierha Ġanni chienet ùirtet f'demmha ħafna ħila u il beżgħa ta' xejn f'it-telfa li chienet, ùaħħlitha f'rasha li għandha tmur tchellem ftit ùieħidha lil Ħasan f'camartu biex tistħarreġ seùùa jecc hu chienx kiegħed jintebaħ b'dac l-ugiegħ-il-kalb collu li chienet kiegħda iġġarrab għalih u jecc dic il gibda cbira li chien dejjem juri lejha chienetx imħabba kalila bħal tagħha jeù biss kima sfieka lejha bħala sidtu u bħala bint dac li tah il ħelsien m'il jasar u chien kiegħed ijżommu f'daru bħal ibnu.

«Ijgħidu li il kalb teħber u hecc hu. L-istess xeùka, l-istess ħsieb feġġeù f'moħħ Ħasan meta sama il bieb ta' barra jintebak ùara is-Sinjura Enzjona. Kabeż hu ucoll m'is-sodda fejn chien għadu liebes m'il jum ta' kabel u feġġ f'is-setaħ b'il ħsieb kaùùi li jitla fuk Colina b'xi scuża u jinxteħet f'riġlejha biex ijferraħ il-ħamla ta'l imħabba li chienet kiegħda tfaùùarlu kalbu għaliha. Iżda x'ħin ùasal f'ras it-taraġ u ħabat sejjer ijmidd riġlu biex jitla ħass bħal ħedla cbira taka fuku li daret ma gismu collu, berrditu u xarrbitu b'għarak chiesaħ u sfieki li xakk għalih. Żamm b'idu ma'l coxxa ta'l ħajt għaliex ħass rasu iżżanżan u donnha trid iddur bih u baka hecc, donnu ta'l gebel, imgħargħar f'daùn il ħsiebijiet: «U jecc tigi is-Sinjura Enzjona u issibni f'camret bintha ùaħdi magħha? U jecc xi sensafidi ta' kaddejja tintebaħ u meta tigi issefsfilha collox ma ntabbax l-isem safi ta' Colina? Ma nilgħabx li jkaċċtuni il barra ħin bla ùakt u imbagħad chif ingħix bogħod minn dic li ħajjti collha chemm hi mixruba fiha? U jecc Colina tinkata x'ħin tarani fukha u indarrasha magħha f'loc li actar inseùùi il biċċa??...» *(Jissocta.)*

## AVVIS IMPORTANTI.

Daùc collha li għandhom xi dritt li jieħdu xi legati m'il Curja ta'l Iskof u daùc collha li talbu u ma kdeùhomx għandhom ijfittxu il għajnuna ta's-Sur WALTER CESAREO, Strada Mercanti, 212D, kuddiem is-Sanità, f'il granet collha barra m'il Ħdud u'l Festi Cmandati, m'id 9 sa nofsinhar, li jakdihom sgur.

FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-Sur **C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

# Jecc tippruvau darba il

# CAFE'

MITHUN

TA'

# C. CAMILLERI & SONS

ta'l English Confectionery

ta' Strada Mercanti numri 51 u 196, il Belt

TERG'GHU SGUR.

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS




## 50 STR. MERCANTI IL BELT

CAMPIUNI TA' DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'ħeffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l ħaġra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fŭied, ta'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u jonfok ftit.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

# L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is=Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

# INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il ħasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il «BRITANNIA» ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid bi-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużaħ.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬĦ GĦALIEX MA JIBDIELCOMX!**

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperia "EMPIRE PRESS" il Furiana